# IR-RABA' PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI — QORTI KRIMINALI

**2 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

**Rikors ta' Lewis Farrugia**

**Konfiska — Art. 24(1) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-konfiska tal-oġġetti li jservu jew li kellhom iservu għall-kommissjoni tad-delitt huma suġġetti għall-konfiska, u dan bħala konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi.*

*Għaldaqstant, il-konfiska ssegwi bilfors u mingħajr diskrezzjoni l-piena; u mhux neċessarju li tiġi mitluba mill-Prosekuzzjoni, u lanqas li tiġi espressament pronunċjata fis-sentenza.*

*Salv id-dritt fuq dawk l-oġġetti ta' min ma kellux sehem fid-delitt.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors u r-risposta tal-Attorney General;

Rat l-atti riferiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Skond l-art. 24(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-konfiska, mhux biss tal-"corpus delicti", imma wkoll tal-istrumenti li servew jew li kellhom iservu sabiex issir id-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi għad-delitt; salv id-dritt fuq dawk l-oġġett ta' min ma jkunx ħa sehem fid-delitt;

Darba li hekk il-konfiska tal-oġġetti msemmija għandha ssegwi bilfors u mingħajr diskrezzjoni l-piena, mhux

neċessarju li tiġi mitluba fl-att tal-akkuża, u lanqas li tiġi espressament pronunċjata fis-sentenza;

Għalkemm il-konfiska mhix piena, hu ta' min jirrileva illi l-Kassazzjoni Taljana rriteniet, għar-rigward tal-art. 20 tal-Kodiċi, fejn hu dispost illi " .... le pene accessorie conseguono di diritto alla condanna come effetti penali di essa":— "Con la sentenza di condanna il giudice di regola non è tenuto di applicare le pene accessorie conseguenti alla condanna stessa, dovendo sulle medesime provvedere in sede di esecuzione l'organo competente. La durata delle pene accessorie deve essere stabilita con la sentenza di condanna solo nei casi in cui al giudice di merito è riconosciuto un potere discrezionale in ordine alla determinazione della durata della stessa" (v. Foro Italiano 1958, fasc. XXI-XXII, Parte Seconda, p. 191);

Ir-rikorrent kien ġie kundannat għad-delitt ta' serq; l-oġġett indikat fir-rikors ġie elevat u debitament eżibit, u serva għall-kommissjoni tad-delitt (v. Roberti, Diritto Penale, Vol. I p. 253);

Għalhekk;

Salv id-dritt fuq l-imsemmi oġġett ta' min ma kellux sehem fid-delitt;

Tiċħad it-talba.